MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru 499/2010

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

Zeiad Mohammed Abouzoda

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat detentur ta' passaport Libyan numru 399547, akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Mejju 2010 ghal habta tat-tmienja u hamsa ta' fil-ghaxija, gewwa San Pawl il-Bahar hebb ghal persuna ta' Krasimira Dimitrova u kkagunalha feriti ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr F. Azzopardi M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li bl-imgieba tieghu kkaguna lil Krasimira Dimitrova biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha u dan ai termini tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9.
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra hedded lil Krasimira Dimitrova li ser joqtolha u dan ai termini tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9.
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta' WPS254 Giordimaina, PC210 La Grasta u PC145 Abela, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qedghin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti u dan ai termini tal-Artikolu 96(a) tal-Kap 9.
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' WPS254 Giordimaina, PC210 La Grasta u PC145 Abela, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qedghin jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kap 9.
6. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi u fil-granet u l-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer kien fil-pussess u garr strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Artikolu 6 tal-Kap 480.

Il-Qorti f'kaz ta' htija hija mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittmi u dan skond kif hemm mahsub fl-Artikolu 383 tal-Kap 9. Mitluba wkoll sabiex tahseb ghas-sigurta' tal-vittma Krasimira Dimitrova billi tohrog ordni ta' protezzjoni skond kif hemm mahsub fl-Artikolu 412C tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata, wkoll wara li rat l-istqarrija tieghu, tiddikjarah hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 216, 251B(1), 96(a), 95, 339(e) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 6 tal-Kap 480;

Tiddeciedi li tikkundannah 18-il xahar prigunerija li pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissosspendi ghal sentejn mill-lum oltre multa ta' 116 Ewro.

Il-Qorti qeghdha wkoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 kontra l-akkuzat billi:

a) tipprojbih li jikkuntattja jew b'kull mod jimmolesta lil Krasimira Dimitrova; dan ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza kemm ghal fini tal-Artikolu 28A(4) u 412(7) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------